MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 1133/1986/1

**Saviour Coppini**

**vs**

**Mario Grima**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. B'att ta' citazzjoni ipprezentat fil-Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Ottubru 1986, l-attur ippremetta illi:

Fit-2 ta' Gunju 1982 sar kuntratt ta' lokazzjoni bejn l-attur u l-konvenut u Martin Camilleri, solidalment bejniethom, li bih l-attur kera l-*pub* jismu "*La Strega*", 1, Church Street, Paceville, bl-avvjament u licenzi tieghu, ghal sentejn mill-1 ta' Gunju 1982;

Skond il-klawzola 11 ta' l-istess kuntratt gie stipulat illi f'gheluq is-sentejn il-kondutturi jkunu obbligati jikkonsenjaw lura l-*pub* lill-attur u, in difett, huma jkunu obbligati jhallsuh bhala penali (salvi d-danni) s-somma ta' hamsin Lira Maltin (Lm50) ghal kull gurnata ta' nuqqas;

Ic-cavetta tal-*pub* giet konsenjata lill-attur fid-19 ta' Lulju 1985 u ghalhekk il-penali bejn l-1 ta' Gunju 1984 u din id-data tammonta ghal ghoxrin elf u seba' mitt Lira Maltin (Lm20,700);

Dan il-kreditu huwa cert, likwidu u skadut;

L-attur ikkonferma dan il-kreditu bil-gurament skond it-termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 15 tal-Ligijiet ta' Malta;

In vista tas-solidarjeta` l-konvenut hu responsabbli ghas-somma kollha dovuta fil-konfront ta' l-attur;

L-attur talab lil Qorti tal-Kummerc:
(1) tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm20,700, bl-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) *a scaletta* skond il-ligi;
(2) tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni.

Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1986, il-konvenut talab li jikkontesta l-kawza u l-Qorti, wara li kienet sodisfatta li l-konvenut kellu eccezzjonijiet validi xi jressaq, awtorizzat lill-istess konvenut biex iressaq l-eccezzjonijiet tieghu fiz-zmien kontemplat mil-ligi.

3. Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fil-31 ta' Dicembru 1986, il-konvenut eccepixxa:
(1) Illi l-attur gedded tacitament il-kirja tal-fond *ai termini* ta' l-Artiklu 1625 tal-Kodici Civili, kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(2) Illi fin-natura taghha, il-klawsola penali hi sottomessa ghal obbligazzjoni principali, u ezegwibbli f'kaz illi d-debitur, jew prezunt tali, jonqos illi jezegwixxi l-istess obbligazzjoni principali;

(3) Illi f'dan il-kaz, in vista tat-tigdid tacitu tal-kirja, l-obbligazzjoni principali tal-konvenut illi jirritorna c-cwievet giet estinta, u ghalhekk m'huwiex il-kaz illi l-klawsola penali hi esegwibbli;

4. Fis-seduta tat-2 ta' Gunju 1987, il-Qorti innominat lill-Avukat Dottor Tonio Borg bhala perit biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-kovenut u biex jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz.

5. Il-konvenut ikkontesta l-kawza bl-allegazzjoni li l-penali pretiza mill-attur ma kenitx dovuta billi kien hemm tigdid tacitu tal-kirja. Il perit legali, rinfaccjat bil-provi pjuttost konfliggenti li ressqu l-partijiet, sab li l-penali m'ghandhiex tapplika ghall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Gunju 1984 u l-1 ta' Mejju 1985, ghaliex l-allegazzjoni tal-konvenut li kien hemm tigdid tacitu tal-kera giet provata sodisfacentement. Dan it-tigdid tal-kera, izda, gie mwaqqaf bhala konsegwenza ta' l-ittra interpellatorja mibghuta mill-Avukat ta' l-attur lill-konvenut. Il-Perit Legali irrelata hekk:-

"Ghalhekk zgur li <u>mill-1 ta' Mejju 1985</u> (l-ewwel skadenza wara l-ittra ta' Dr. Albert Ganado tas-16 ta' April 1983), ma jistax jinghad li kien hemm tigdid tacitu, u jekk kien hemm qabel dan intemm bl-ittra interpellatorja ta' l-attur. Jekk hu hekk, u jekk it-tigdid tacitu isir bl-istess kondizzjonijiet tal-kirja originali (inkluza ghalhekk il-klawsola penali), zgur li l-konvenut kien tenut li jhallas il-penali bejn l-1 ta' Mejju 1985 u 19 ta' Lulju 1985 u cioe` tmenin (80) gurnata bil-Lm50 kuljum, total ta' Lm4,000." [fol. 11]

Il-Perit Legali irrelata li t-talba ta' l-attur ghall-hlas tal-penali ghall-perijodu precedenti, jigifieri dak bejn l-1 ta' Gunju 1984 u l-1 ta' Mejju 1985, ma setghetx tintlaqa' ghaliex l-attur ibbaza c-citazzjoni tieghu unikament fuq il-klawsola penali.

6. L-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ippronunzjat is-sentenza taghha fid-19 ta’ Jannar 1996. Dik il-Qorti adottat il-konsiderazzjonijiet mill-konkluzjonijiet kollha tal-Perit Legali u ghalhekk laqghet l-ewwel talba attrici limitatament ghas-somma ta’ erbat elef lira (Lm4,000) bhala penali ta’ Lm50 kull jum ghall-perijodu ta’ 80 jum mill-1 ta’ Mejju 1985 sad-19 ta’ Lulju 1985 bl-imghax tat-8% *a scaletta* mid-data li fiha giet inkorsa l-penali ta’ kull jum. Dik il-Qorti ordnat li l-ispejjez jithallsu mill-partijiet skond ir-rispettiv rebh u telf, u dan wara li kkonsidrat hekk:-
“Illi l-abbli Perit Legali kkonkluda li ghall-perjodu mill-1 ta’ Gunju 1984 sa l-1 ta’ Mejju 1985 kien hemm tigdid tacitu tal-kirja, bil-kera ta’ Lm5 kulljum. Fl-istess waqt ghalhekk ma operatx il-klawsola penali ta’ Lm50 kull jum ghal dan il-perjodu. Peress li l-attur ibbaza c-citazzjoni biss fuq il-klawsola penali, it-talba tieghu ghar-rigward ta’ dan il-perjodu ghandha tigi michuda. Ghar-rigward il-perjodu ta’ 80 jum mill-1 ta’ Mejju 1985 sad-19 ta’ Lulju 1985, l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha limitatament ghas-somma ta’ erbat elef lira (Lm4000) bl-interessi kummercjali ta’ tmienja fil-mija (8%) “*a scaletta*” mid-data ta’ kull jum.

Il-Qorti kkonsidrat is-sottomissjonijiet eruditi tal-partijiet, bi kritika tar-relazzjoni peritali, li fihom issollevaw punti ta’ dritt u ta’ fatt, li certament jimmeritaw konsiderazzjoni mill-Qorti, izda meta rriflettiet fuqhom u fuq il-konsiderazzjonijiet kontenuti fir-relazzjoni peritali hija waslet ghall-konkluzjoni li hija ghandha tadotta l-konsiderazzjonijiet ta’ l-abbli perit li huma bazati fuq id-dritt u dawk il-fatti li jirrizultaw sodisfacentement pruvati. Inoltre, il-konkluzjonijiet peritali huma legalment validi u, fic-cirkostanzi tal-kaz, huma wkoll ekwi u gusti ghas-soluzzjoni tal-vertenza.”

**II L-APPELL**

7. Il-konvenut interpona appell minn din id-decizjoni fit-8 ta’ Frar 1996. Ghal ragunijiet moghtija fir-rikors ta’ l-appell tieghu, huwa talab li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti tad-19 ta’ Jannar 1996 u

minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, filwaqt li tichad it-talba ta' l-attur.

8. L-attur ipprezenta risposta fis-26 ta' Frar 1996, fejn huwa ta r-ragunijiet ghaliex is-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma in kwantu ikkundannat lill-konvenut sabiex ihallas il-penali ta' Lm4,000 imposta ghall-perijodu bejn l-1 ta' Mejju 1985 u d-19 ta' Lulju 1985 bl-interessi u bl-ispejjez. Fl-istess risposta huwa intavola appell incidentali li bih talab lil din il-Qorti timmodifika u tirriforma s-sentenza appellata in kwantu cahdet it-talbiet attrici ghall-hlas tal-penali ghall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Gunju 1984 u l-1 ta' Mejju 1985. Huwa talab li minflok din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur il-penali ghal dan il-perijodu.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

9. Permezz ta' skrittura datata 2 ta' Gunju 1982, l-attur ikkonceda l-hanut tax-xorb imsemmi fic-citazzjoni, bl-avvjament, attrezzi u licenzji relattivi, lill-konvenut Mario Grima u lil Martin Camilleri, solidament bejniethom. Fuq din l-iskrittura, il-kuntratt relattiv gie denominat bhala "*Cessation of Rights*", izda jidher pacifiku bejn il-kontendenti li verament *si tratta* ta' kuntratt ta' lokazzjoni. Fuq l-iskrittura, l-attur ikkwalifika ruhu bhala "*Tenant-Owner*" waqt li l-kontroparti giet denominata bhala "*The Managers*".

10. Din il-lokazzjoni kellha tiskadi fil-31 ta' Mejju 1984. L-iskrittura, ezattament bil-klawsola 11, imponiet penali fil-kaz li l-"*Managers*" jonqsu li jottomperaw ruhhom ma' l-obbligu li jirritornaw il-fond u l-attrezzi tieghu fl-gheluq tal-lokazzjoni:

11) *"The Managers undertake and bind themselves to hand over the premises, furniture, furnishings and equipment to the Tenant-Owner at the end of the two years agreed upon and in default they shall be bound to pay to the Tenant-Owner the sum of fifty pounds (Lm50) per day of default by way of penalty only, saving the tenant-owner as right for damages."*

11. Irrizulta li c-cwievet gew ritornati lill-attur fid-19 ta' Lulju 1985. Hemm konflitt fil-provi prodotti mill-kontendenti dwar x'intqal minnhom lil xulxin, wara l-gheluq tal-lokazzjoni, apparti l-fatt li l-partijiet jinterpretaw il-fatti li graw b'mod divers. Zgur pero`, li bejn il-kontendenti kienu ghaddejjin trattattivi, li eventwalment ippartecipaw fihom b'mod attiv, ir-rispettivi legali taghhom. Giet ukoll skambjata korrispondenza bejniethom, li tinsab esebita bejn fol. 103 u 108 tal-process. L-ittra tas-16 ta' April 1985, minghuta mill-Avukat ta' l-attur lill-konvenut u lil Martin Camilleri, kif rajna, inghatat hafna importanza mill-Perit Legali u l-Ewwel Qorti. Din l-ittra, *inter alia*, taqra hekk:
"Intkom kontu obbligati tikkonsenjaw lura l-fond meta spiccat il-kirja fit-30 ta' Mejju, 1984. Peress li nqastu li taghmlu dan, intkom inkorrejtu penali ta' Lm50 kuljum b'effett mill-1 ta' Gunju, 1984.

Ghalhekk ninterpellakom thallsu fi zmien erbat ijiem, in linea ta' penali mill-1 ta' Gunju, 1984 sal-15 ta' April, 1985, is-somma ta' Lm15,960. Bl-ispejjez."

Jidher li anke wara li intbaghtet din l-ittra it-trattattivi tkomplew, tant li intlahaq ftehim ta' tranzazzjoni u giet redotta l-minuta relattiva. Gie iffissat appuntament ghas-17 ta' Lulju 1985, bl-iskop li l-kuntratt ta' transazzjoni jigi iffirmat, izda dan ma sehhx ghax il-konvenut, bla ebda pre-avviz, deherlu li kellu jhalli 'l kulhadd jistenna u baqa' ma tfaccax, ghax evidentement kien rega' bdielu.

12. A bazi tal-provi prodotti, l-Ewwel Qorti sabet li l-eccezzjoni tal-konvenut, li kien hemm tigdid tacitu tal-lokazzjoni li jinnewtralizza l-penali miftehma, kienet <u>*in parte*</u> gustifikata. L-attur hass ruhu aggravat minn din il-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti, li wasslitha biex tichad l-ewwel talba tieghu ghall-penali ghall-perijodu bejn l-1 ta' Gunju 1984 (id-data tat-terminazzjoni tal-perijodu lokatizju) u l-1 ta' Mejju 1985 (id-data ta' l-ewwel skadenza wara li intbaghtet l-imsemmija ittra tas-16 ta' April 1985).

13. Jixraq ghalhekk li, fl-ewwel lok, jigi investigat l-appell incidentali ta' l-attur. Il-kontenzjoni ta' l-attur hija fis-sens li fl-imsemmi perijodu ma kien hemm qatt tigdid tal-kirja – la tacitu u lanqas espress – u ghalhekk l-attur jinsisti li l-konvenut ikun ikkundannat li jhallas il-penali miftehma, dekorribbli mill-jum li fih intemmet il-lokazzjoni.

14. It-tezi tal-konvenut giet accettata mill-Perit Legali u mill-Ewwel Qorti bhala aktar kredibbli u verosimili, in kwantu tirrigwarda l-imsemmi perjodu, minhabba erba' fatturi li jistghu jigu elenkati hekk:

a. illi kien l-attur stess li qal lill-konvenut sabiex jibqa' fil-fond;

b. illi l-attur baqa' jifrekwenta l-hanut u li l-partijiet baqghu hbieb;

c. illi ghal ghaxar xhur shah l-attur naqas milli jipprocedi permezz ta' ittra bl-avukat u ma semma xejn dwar penali;

d. illi meta l-hanut inghalaq mill-Pulizija, l-attur intervjena biex il-Pulizija jhallu lill-konvenut jopera l-istess hanut.

15. Fl-appell incidentali tieghu, l-attur jikkumenta fit-tul u fid-dettal dwar l-imsemmija erba' fatturi u jaghti l-apprezzament u l-interpretazzjoni tieghu ghaliex kien fl-interess tieghu li jagixxi b'dak il-mod li agixxa. Jenfasizza li hu qatt ma ried li l-lokazzjoni tiggeded jew li hu jirrinunzja ghall-penali espressament miftehma.

16. Il-Qorti tinnota li fl-appell incidentali tieghu, l-attur irrepeta, tista' tghid kelma b'kelma, l-evalwazzjoni u l-interpretazzjoni ta' l-imsemmija fatturi li kien ghamel fin-nota ta' kritika fuqha ghar-rapport peritali, liema nota tinsab a fol. 111 *et seq*. tal-process. L-Ewwel Onorabbli Qorti tidher li apprezzat il-hila legali evidenti fir-redazzjoni ta' l-istess nota ta' kritika, pero`, xorta wahda, wara li irriflettiet fuqhom, sabet li kellha tiskartahom u minflok li kellha tadotta il-konsiderazzjonijiet raggunti mill-Perit Legali.

17. Huwa principju affermat ripetutament minn din il-Qorti, li hija ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti li l-Qorti ta' l-ewwel istanza tkun ghamlet, jekk ma jirrikorrux ragunijiet gravi. Issa, fil-kaz odjern din il-Qorti jidhrilha li l-

Ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett u gust tal-fatti relattivi. Ghalhekk issib li l-appell incidentali ta’ l-attur ma jistax jintlaqa’ ghaliex, kollox ma kollox, it-tezi tal-konvenut li kien hemm tigdid tacitu tal-lokazzjoni tidher aktar verosimili ghall-konfront ta’ l-imsemmi perijodu.

18. Fit-tieni lok, irid issa jigi investigat il-meritu ta’ l-appell principali intavolat mill-konvenut. It-tezi ta’ dan hija li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta accettat li kien hemm tigdid tacitu tal-kirja, pero` kienet skorretta li irriteniet li tali tigdid gie terminat bis-sahha ta’ l-ittra interpellatorja tas-16 ta’ April 1985. Il-konvenut isostni li din l-ittra ma tiswiex bhala kongedo, u dan ghal zewg ragunijiet fondamentali:- Dana (a) ghaliex ma fiha l-ebda interpellazzjoni biex il-konvenut jirritorna c-cwievet lill-attur, u (b) ghaliex biex tiskatta l-klawsola penali kien necessarju li l-konvenut jitpogga *in mora* permezz ta’ att gudizzjarju u mhux b’semplici ittra bonarja.

19. Jigi rilevat li dan ir-ragunament kollu tpogga wkoll ghall-konsiderazzjoni ta’ l-Ewwel Qorti, li pero`, ma sabitux validu. Din il-Qorti tapprezza li l-ittra imsemmija ma fihiex interpellazzjoni formali u espressa indirizzata lill-konvenut biex huwa jirritorna c-cwievet tal-hanut. Pero` l-ebda tigbid ta’ immaginazzjoni ma jista’ jwassal ghall-konkluzjoni li l-attur b’dik l-ittra wera xi rieda jew xewqa li l-konvenut jibqa’ fil-pussess tal-hanut. Dik l-ittra kienet tfakkar lill-konvenut li kien obbligat li jikkonsenja c-cwievet tal-fond meta spiccat il-kirja fit-30 ta’ Mejju 1984. Talbitu jhallas il-penali li dekorriet b’effett mill-1 ta’ Ginju 1984, cioe` is-somma ta’ Lm15,960. Huwa evidenti wkoll li l-attur wera b’dik l-ittra li kien qieghed jesigi mill-konvenut il-hlas tal-penali derivanti minn nuqqas tieghu li jirrilaxxja l-hanut fil-31 ta’ Mejju 1984. Huwa sottointiz f’dik l-ittra li l-istess penali ovvjament kienet tieqaf tiddekorri appena l-konvenut jottempera ruhu mill-obbligu fuqu li jikkonsenja c-cwievet ta’ l-istess hanut lill-attur. Din il-Qorti ghalhekk tikkondividi l-fehma ta’ l-Ewwel Qorti li l-imsemmija ittra interpellatorja ta’ l-attur uriet bl-aktar mod car l-intenzjoni preciza ta’ l-attur u ghalhekk dik l-ittra kien jisthoqqilha li tinghata is-sinjifikat determinati li korrettement tatha l-Ewwel Qorti.

20. Din il-Qorti lanqas tista' taqbel mal-konvenut li f'dan il-kaz kien hemm il-htiega ta' xi att gudizzjarju biex huwa jitpogga *in mora*. It-tigdid tacitu tal-kirja in kwistjoni sar b'applikazzjoni bl-Artikoli 1536 u 1537 tal-Kodici Civili. Il-kirja iggeddet mensilment u t-tigdid tacitu gie mwaqqaf b'effett ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' April 1985. Il-penali mifthema espressament bejn il-kontendenti fil-klawsola 11 ta' l-iskrittura in kwistjoni ma skattatx f'gheluq is-sentejn mill-31 ta' Mejju 1984, kif jargumenta l-konvenut, izda invece skattat f'gheluq ir-rata mensili li sehhet ezattament qabel ma intbaghtet l-imsemmija ittra interpellatorja. Dana ghaliex il-kirja kienet sfat tacitament imgedda biss sa l-gheluq ta' dik ir-rata mensili.

21. Il-konvenut jiccita l-Artikolu 1121 u 1130(2) tal-Kodici Civili u jargumenta li bit-tigdid tacitu ma gie stabbilit l-ebda zmien li fih kellha tiskatta l-penali u ghalhekk, b'applikazzjoni bl-imsemmija artikoli, kien necessarju att gudizzjarju sabiex il-konvenut jitpogga "*in mora*". Din il-Qorti ma tistax tikkondividi dana r-raggunament ghaliex l-interpretazzjoni korretta tal-fatti li sehhew bejn il-partijiet ma jista' jhalli l-ebda dubju li kien applikabbli s-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 1130. Dana l-Artikolu jiddisponi li meta jkun gie stabbilit zmien biex id-debitur jesegwixxi l-obbligazzjoni, id-debitur jigi mqieghed "*in mora*" bl-gheluq biss ta' dak iz-zmien. Kien propju f'eghluq ir-rata mensili li ipprecediet l-imsemmija interpellatorja, kif sewwa irriteniet l-Ewwel Qorti, li l-konvenut kien obbligat li jesegwixxi l-obbligu tieghu li jirritorna c-cwievet tal-hanut lill-atturi. Meta huwa naqas li jaghmel dan fi tmiem il-kirja, immedjatament skattat il-penali stipulata fi klawsola 11 ta' l-iskrittura. Dana ghaliex kienet applikabbli din il-kundizzjoni, espressament pattwita, billi it-tigdid tacitu tal-kirja sar "taht l-istess kundizzjonijiet u bl-istess jeddijiet u obbligi" kif jiddisponi l-Artikolu 1536 tal-Kodici Civili. Naturalment, il-ftehim originali tal-kirja, kif redatt fl-iskrittura fit-2 ta' Gunju 1982, ma setghax jahseb ghall-eventwalita` ta' tigdid tacitu. U kien proprju ghalhekk li l-klawsola 11 rabtet l-iskattar tal-penali ma' "*the end of the two years agreed upon*" – kliem li evidentiment jirreferi ghad-data meta l-kirja kellha tintemm.

Fi kliem iehor, il-klawsola penali kienet marbuta ma' zmien li gie stabbilit u pre-determinat mill-partijiet u ghalhekk hu applikabbli ghall-kaz is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 1130 tal-Kodici Civili u mhux is-subartikolu (2) invokat mill-konvenut.

22. Il-konvenut issolleva aggravju iehor fl-appell principali tieghu. Dan l-aggravju jikkritika l-kundanna li hemm fis-sentenza appellata ghall-hlas ta' l-imghax fuq is-somma ta' Lm4,000, liema imghax kellu jkun ta' 8% "*a scaletta*" mid-data li fiha giet inkorsa l-penali ta' kull jum. Il-konvenut jispjega dana l-aggravju tieghu hekk:-

"Minghajr pregudizzju ghas-suespost, hu umilment sottomess illi d-decizjoni dwar l-imghax minn kull gurnata li fiha hija dovuta l-penali hija wkoll zbaljata.

L-imghax fil-kaz tad-danni (ghaliex il-klawzola penali si tratta dejjem ta' **<u>danni</u>**, izda pre-likwidati), jiskatta meta jigu likwidati, jew meta jsehh in-nuqqas?

M'hemmx dubbju illi l-imghax fuq id-danni huwa pagabbli meta d-danni jigu likwidati. F'dan il-kaz, bic-citazzjoni tieghu l-attur/appellat ippretenda l-hlas ta' danni pre-likwidati fl-ammont ta' Lm20,700m izda l-Qorti llikwidat l-ammont dovut lilu fl-ammont ta' Lm4,000. Hu umilment sottomess illi minn dik il-gurnata biss jista' ikun dovut l-imghax, u minn l-ebda data qabel."

L-attur ma ressaq ebda argument biex jirribatti r-ragunament imsemmi tal-konvenut li, fic-cirkostanzi, jidher ben fondat. Ghalhekk hemm lok li dan l-aggravju tal-konvenut jintlaqa'; pero` hemm lok ukoll ghall-temperament fil-kap ta' l-ispejjez rigwardanti l-istess aggravju.

23. Ghal dawn il-motivi,
(a) tichad l-appell incidentali ta' l-attur;
(b) tichad ukoll l-appell principali intavolat mill-konvenut – hlief ghal dak li inghad fil-paragrafu 22 *supra*, li wkoll se jigi rifless f'dan id-dispozittiv;

(c) tikkonferma s-sentenza appellata in parte u cioe` in kwantu din laqghet l-ewwel talba attrici limitatament ghas-somma ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) bhala penali ta' Lm50 kull jum ghall-perijodu ta' 80 jum mill-1 ta' Mejju 1985 sad-19 ta' Lulju 1985; izda tirriforma l-istess sentenza appellata in kwantu ikkundannat lill-konvenut li jhallas fuq l-imsemmija somma ta' Lm4,000, imghax tat-8% "*a scaletta*" mid-data li fiha giet inkorsa l-penali ta' kull jum, u minflok tordna lill-konvenut li jhallas imghax tat-8% fis-sena fuq l-imsemmija somma ta' Lm4,000 dekoribbli mid-data tas-sentenza appellata, cioe` 19 ta' Jannar 1996 sad-data ta' l-effettiv pagament.

(d) Tordna li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jithallsu kif ordnata fis-sentenza appellata; waqt li l-ispejjez ta' din it-tieni stanza jithallsu hekk:

(i) dawk relattivi ghall-appell incidentali jithallsu mill-attur,

(ii) dawk relattivi ghall-appell principali jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------